MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 2816/1997/1

**Lorenza *sive* Lora Azzopardi**

**vs**

**Alex Vella Gera bhala artikolista, George Papagiorcopulo bhala stampatur u l-Perit Michael Falzon bhala editur tal-gazzetta "*The People*"; u b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2000, Anthony Vella Gera gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza bhala prokuratur ta' ibnu l-imsemmi Alex Vella Gera.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-11 ta' Dicembru, 1997 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuti huma artikolista, stampatur u editur rispettivament tal-gazzetta "The People";

Premess illi l-konvenuti taw malafama lill-attrici a tenur ta' l-Att dwar l-Istampa ta' l-1974 (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) permezz ta’ artikolu "*Let There Be Dust*" li deher fil-harga ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru, 1997 ta' "The People", miktub mill-konvenut Alex Vella Gera, kopja ta' l-artikolu annessa u markata Dok. "A";

Premess illi l-artikolu *de quo* kappriccjosament jattribwixxi disturbi mentali u kundizzjonijiet klinici lill-attrici billi jittratta fid-dettal il-kaz ta' mara li ssofri minn disturbi mentali u jillustra din l-istorja b'zewg stampi mdaqqsa ta' l-attrici, liema attribuzzjonijiet huma ghal kollox foloz u minghajr fondament, bil-konsegwenza li kkawza malafama lill-attrici u offenda l-unur u r-reputazzjoni taghha;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikolu intestat "*Let There Be Dust*" li deher fil-harga ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru, 1997 tal-gazzetta "The People" jikkostitwixxi malafama a tenur ta' l-Att dwar l-Istampa ta' l-1974 (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) ghar-ragunijiet suesposti;

2. tillikwida d-danni kkawzati mill-konvenuti lill-attrici;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati;

4. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jippubblikaw fil-gazzetta "The People", bl-istess prominenza li kellu l-artikolu succitat, korrezzjoni u kjarifikazzjoni dwar l-istess artikolu;

5. taghti kull rimedju iehor opportun skond il-Ligi;

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut George Papagiorcopulo ipprezentata fit-12 ta' Awissu, 1998 u li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' din il-kawza;

2. Illi l-artiklu in kwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut George Papagiorcopulo u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra Michael Falzon u Alex Vella Gera ipprezentata wkoll fit-12 ta' Awissu, 1998 u li permezz taghha eccepew:-

1. Illi preliminarjament mhumiex il-legittimi kontradituri ta' din il-kawza;

2. Illi l-artiklu in kwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju, 2004 li permezz tieghu giet nominata bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana sabiex tigbor il-provi;

Rat l-affidivats u d-dokumenti pprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza maghmula mid-difensuri waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru, 2008;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-artikolu dwar liema toggezzjona l-attrici bl-istanza minnha promossa jitratta minn mara tad-dar sofferenti minn zewg fobiji kontrapposti. Il-wahda, dik ossessiva ta' l-indafa. L-ohra, il-fissazzjoni estrema tal-hmieg. L-artikolista jidentifikahom bhala "*mental illnesses*" ghal liema l-mara tad-dar kellha tirrikorri ghand l-psikjatra;

Evidentement, il-kwadru li johrog mill-artikolu oggezzjonat ma hu xejn sabih u, certament, ma hu xejn lodevoli ghall-attrici raffigurata f'dak l-istess artikolu minn zewg ritratti li juruha qeghda tnaddaf bieb estern ta' bini u tahsel il-bankina quddiem dak l-istess bini. Proprju fl-Affidavit taghha (fol. 23) l-attrici tobbjetta illi b'dawk ir-ritratti mhux akkonsentiti minnha, ir-rakkont kien wiehed assocjattiv mal-persuna taghha u dan, lilha, kien imputalha mal-qarrejja ta' l-artikolu stampa li hi nnifisha kienet tbati minn mard mentali, meta tali ma kienx il-kaz;

Jinghad mill-**Gatley** ("**On Libel and Slander**" Edizzjoni 1974 para 40) illi "*it is not defamatory without more to use a person's name without his authority, or to publish his photograph or likeness without his consent, however much annoyance these acts may cause to his personal feelings*". Jissokta, pero`, jigi mill-istess awtur osservat illi "*but the context or circumstances of such use on publication may cause it to convey a defamatory imputation*". In partikulari, dan huwa hekk il-kaz fejn ir-ritratti huma kollokati mal-kliem ta' l-artikolu kif mifhuma "*in their natural and ordinary meaning*". Din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet diga irravizat qaghda bhal din f'kaz li kien jitratta minn artikolu intitolat "*All the girls have a sailor*" akkompanjat minn ritratt li kien juri lill-attrici f'dak il-kaz bhala "*silly simpering school girl*" u "*with the morals of an alley cat*". F'dak il-kaz ukoll l-attrici ma kellha ebda assocjazzjoni mal-kitba ghax, bhall-attrici odjerna, hi

kienet fuq xoghlha. Il-fattispeci tal-kaz wassal biex il-Qorti tikkummenta hekk:-

“Kull persuna hija intitolata ghall-hajja privata taghha u l-ligi ta’ l-istampa tassikura dan. Ghalhekk l-aggravju hu aktar serju meta dak li jkun qed jigi allegat fil-konfront tal-persuna involuta ma jkunx veritjier. F’dan il-kaz il-malafama hija aktar ripunjanti” (“**Maria Bonello -vs- John Formosa, Editur tal-gurnal ‘The People’**”, per Imhallef Albert Magri, 4 ta’ Ottubru, 1999);

Premess dan, il-konvenut Alex Vella Gera li kiteb l-artikolu *de quo,* jissottometti bl-Affidavit tieghu (fol. 34) illi hu sab ir-ritratti ta’ l-attrici fil-librerija tal-gurnal u ghamel uzu minnhom biex jaghmel l-pagna aktar interessanti ghall-qarrej. Fl-istess waqt huwa jirrikonoxxi li l-attrici “ma kellha xejn x’taqsam ma’ l-artikolu li kien jitratta dwar mara tad-dar li tbati minn mard mentali”. Jaggungi illi hu kien halla struzzjonijiet biex wicc il-mara jigi mnehhi mir-ritratti izda li, sfortunatament, dan ma sehhx. Kemm fl-Affidavit, kif ukoll fid-dibattitu orali mill-abbli difensur tieghu, jinghad li hu ma kellu ebda intenzjoni li jwegga’ l-fama ta’ l-attrici bil-wiri tar-ritratti;

Hu *jus acceptum* sew mid-duttrina u mill-gurisprudenza, lokali u estera, illi l-intenzjoni vera ta’ min ippubblika l-kliem hi dik li tohrog estrinsikament mill-kliem infushom u li ghal fini tar-responsabilita` huwa immaterjali x’kellu f’mohhu min ippubblikahom. “*Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation*” (“**Cassidy -vs- Daily** ***Mirror***”*, 1929, per Russel L. J.*). Ikompli jinkalza l-**Gatley** (***Op. cit.*** **para. 290**), “*it is immaterial that the defendant did not intend to refer to the plaintiff, or did not even know of his existence. The question is: would the words complained of be understood by reasonable people who knew the plaintiff to refer to him? If so, they are published of and concerning the plaintiff, no matter what the intention of the defendant may have been*”. Fl-istess sens konformi hi l-kazistika tal-Qrati taghna, artikolata fuq din id-dottrina, kif illustrat mid-

decizjonijiet riportati a **Vol. XXV P IV p 912**, **Vol. XXXIII P I p 450**, **Vol. XLII P IV p 1526** u **Vol. XLV P IV p 972**;

Jinzel minn dan, anke b'riaffermazzjoni ta' wiehed mill-principji li ghandu jirregola l-materja ta' ingurja bl-istampa, illi l-gudikant ghandu, mill-kumpless ta' l-artikolu, kompriz allura r-ritratti stampati, jara x'inhu dak li qarrej ta' intelligenza ordinarja jifhem meta jaqra l-artikolu b'dawk l-istess ritratti. Indubitament, u, anzi, minghajr ezistazzjoni hi l-fehma tal-Qorti illi fil-kaz in ispecje qarrej ordinarju jifhem mill-istampat illi l-attrici, b'dik l-identifikazzjoni taghha mir-ritratti, kienet il-persuna deskritta fl-artikolu bhala sofferenti minn mard mentali. L-alluzjoni hi wahda cara u netta u ma tirrikjedi ebda sforz intellettwali. F'din il-qaghda jkollu jigi ripetut bi qbil mal-**Gatley (Op. cit. para. 141)** illi "*it is a libel to publish printed or written words, or a picture or effigy, or any combination of these, if they convey a defamatory sense*";

Apparti l-konvenut Alex Vella Gera, il-konvenut George Papagiorcopulo lanqas jista' jiskansa ruhu minn din ir-responsabilita`. Ibda biex, bil-kontra ta' dak sottomess mill-Avukat tieghu fit-trattazzjoni orali, tezisti l-prova illi l-imsemmi konvenut kien direttur tal-kumpanija li tohrog "The People" u registrat bhala stampatur ukoll. Ara xhieda tal-konvenut Perit Michael Falzon fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2007. L-Artikolu 23 tal-Kapitolu 248 jirreferi f'subpara. (c) tieghu ghall-persuna "responsabbli ghall-pubblikazzjoni". Din l-espressjoni hi mbaghad definita fl-Artikolu 2 bhala li tfisser il-persuna li tkun sid ta' l-impriza ghall-pubblikazzjoni ta' gazzetta u tinkludi wkoll kull persuna li jkollha facilitajiet ghall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat. Il-konnessjoni f'dan tal-konvenut imsemmi meta wiehed joqghod fuq ix-xhieda tal-Perit Falzon, li, del resto, baqghet inkontradetta, hi evidenti u timmilita kontra t-tezi difensjonali tieghu;

Mhux l-istess haga jista’ jinghad fir-rigward tal-konvenut l-Arkitett Michael Falzon. Dan gie citat bhala l-editur tal-gurnal fiz-zmien li kien ippubblikat l-artikolu. Il-provi ma jsostnux dan. Proprju mill-ittra tal-Press Registrar tat-18 ta’ April, 2005 mibghuta lil Anthony Vella Gera, subentrat fil-proceduri ghal ibnu skond digriet tad-29 ta’ Novembru, 2000, ghandu jirrizulta li l-editur ta’ “The People” fiz-zmien li fiha deher l-artikolu (17 ta’ Settembru, 1997) kien John Formosa u mhux il-konvenut imharrek.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attrici u b’hekk tiddikjara illi bl-istampat li deher fil-harga tal-gurnal “The People” tas-17 ta’ Settembru, 1997 il-konvenuti Alex Vella Gera bhala artikolista u George Papagiorcopulo bhala stampatur taw malafama lill-attrici. Tilqa’ t-tieni talba billi tillikwida l-kumpens dovut ghall-istess malafama fis-somma komplessiva ta’ elf sitt mitt euro u sitta u hamsin centezmu (€1600.56) kwantu ghal elf tmienja u erbghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1048.22) pagabbli mill-konvenut Alex Vella Gera u kwantu ghal hames mija tnejn u hamsin euro, erbgha u tletin centezmu (€552.34) mill-konvenut George Papagiorcopulo. Tilqa’ wkoll it-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti imsemmija jhallsu lill-attrici in linea ta’ kumpens l-ammonti rispettivi likwidati. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba’ talbiet stante li l-gurnal m’ghadux fic-cirkolazzjoni. Finalment, tikkundanna lill-konvenuti hekk dikjarati responsabbli jhallsu fil-proporzjon tas-somma likwidata fil-konfront taghhom l-ispejjez tal-kawza, ad eskluzjoni ta’ dawk di fronte ghall-konvenut il-Perit Michael Falzon, inutilment imharrek, li ghandhom jibqghu a karigu ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------